(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tad-Direttiva 2001/29/KE [1] dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, tad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà, inklużi d-drittijiet tal-awtur u tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn l-aċċess jingħata billi tiġi pprovduta kopja tad-dokumenti.

[1] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2013 — GRE vs UASI — Villiger Söhne (LIBERTE american blend)

## (Kawża T-30/13)

(2013/C 79/47)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH (Kloster Lehnin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Memmler u S. Schulz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Villiger Söhne GmbH (Waldshut-Tiengen, il-Ġermanja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-15 ta' Novembru 2012, fil-Każ R 731/2012-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "LIBERTE american blend" għal prodotti fil-klassi 34 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 481 252

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Villiger Söhne GmbH

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade marks verbali u figurattiva li jinkludu l-element verbali "LA LIBERTAD", għal prodotti fil-klassijiet 14 u 34.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2013 — Meta Group vs Il-Kummissjoni Ewropea

## (Kawża T-34/13)

(2013/C 79/48)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Meta Group Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: A. Bartolini, V. Colcelli, u A. Formica, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla n-Nota Nru 1687862 tad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-11 ta' Diċembru 2012;

— tannulla r-Rapport tal-Verifika Nru S12.16817;

u sa fejn meħtieġ:

— tannulla n-Nota tad-DĠ għall-implementazzjoni tal-Baġit (baġit ġenerali u EDF) tal-Kummissjoni Ewropea, tat-12 ta' Novembru 2012, dwar il-"Pagament permezz ta' tpaċija ma kreditu tal-Kummissjoni" li biha l-Kummissjoni kkomunikat li l-kreditu ta' EUR 69 061,80 li Meta Group iddikjarat li kien dovut mingħand il-Kummissjoni fir-rigward tal-kuntratt Take-it-Up (Nru 245637) kien ġie mpaċi mad-debitu korrispondenti dovut minn Meta Group kif jidher fin-Nota ta' Debitu Nru 32412078833;

— tannulla n-Nota Nru 1380282 tad-DĠ għall-implimentazzjoni tal-Baġit (baġit ġenerali u EDF) tal-Kummissjoni Ewropea, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar it-tpaċija tal-kreditu ta' EUR 16 772,36 li Meta Group iddikjarat li kien dovut mingħand il-Kummissjoni fir-rigward tal-kuntratt BCreative (Nru 245599), mad-debitu korrispondenti, kif jidher fin-Nota ta' Debitu Nru 32412078833;